Nru./No. 20,804
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu, 2022
Friday, 11th March, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2673 - 2682
Government Notices ..... *2673 - 2682*

Avviż tal-Pulizija ..... 2682 - 2685
Police Notice ..... *2682 - 2685*

Avviż lill-Baħħara ..... 2685 - 2686
Notice to Mariners ..... *2685 - 2686*

Avviżi tal-Gvern ..... 2686 - 2704
Notices ..... *2686 - 2704*

Offerti ..... 2704 - 2711
Tenders ..... *2704 - 2711*

Avviżi tal-Qorti ..... 2711 - 2732
Court Notices ..... *2711 - 2732*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 300

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2022, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Id-9 ta' Marzu, 2022
(OPM/40/2017)

Nru. 301

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dottor Michaela Fleri-Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler u dan għall-perjodu bejn l-4 ta' Marzu, 2022 u l-14 ta' Marzu, 2022.

Illum, 7 ta' Marzu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 302

RILAXX TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Settembru, 1982, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru, 1982, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 518, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti mill-biċċa art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-Awtorità

GOVERNMENT NOTICES

No. 300

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister on Thursday, 10th March, 2022, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

9th March, 2022

No. 301

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Michaela Fleri-Soler to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Peter Fleri-Soler, for the period between the 4th March, 2022 and the 14th March, 2022.

Today, the 7th March, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 302

RELEASE OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 22nd September, 1982, published in the Government Gazette of the 27th September, 1982, under Government Notice No. 518, the President of Malta had declared that the plot of land was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas part of the plot of land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public

kompetenti għal skop pubbliku u kif ukoll skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-11 ta' Marzu, 2022
(File No. L 414/80/2 Plot 2A)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:

Biċċa art , li tinkludi tliet ikmamar rurali, tal-kejl ta' 14,250 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Lapsi Estates Limited u mill-Grigal in parti ma' proprjetà tal-eredi ta' Frances Chesney Sciberras D'Amico Inguanez u in parti ma' proprjetà tal-Legat tar-Reverendu Joseph Bonavia, anness mal-knisja parrokkjali tan-Naxxar jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala Plot 2A fuq il-pjanta L.D. 148/82/1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-8 ta' Marzu, 2022

Nru. 303

RILAXX TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Settembru, 1982, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru, 1982, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 518, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi din il-biċċa art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku u kif ukoll skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-11 ta' Marzu, 2022
(File No. L 414/80 Plot 1)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:

Biċċa art tal-kejl ta' 3,389 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-werrieta ta' Frances Chesney

purpose and also according to the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

11th March, 2022

Description of the Land

The following land in the limits of Siġġiewi:

A plot of land, including three rural rooms, measuring 14,250 square metres, bounded on the West and South West by property of Lapsi Estates Limited and on the North East by property of the heirs of Frances Chesney Sciberras D'Amico Inguanez and in part by property of the Legacy of Reverend Joseph Bonavia, annexed to Naxxar parish church, or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue and marked as plot 2A on plan L.D. 148/82/1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

8th March, 2022

No. 303

RELEASE OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 22nd September, 1982, published in the Government Gazette of the 27th September, 1982, under Government Notice No. 518, the President of Malta had declared that the plot of land was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas this plot of land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose and also according to the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

11th March, 2022

Description of the Land

The following land in the limits of Siġġiewi:

A plot of land measuring 3,389 square metres, bounded on the North East by property of the heirs of Frances Chesney

Sciberras D'Amico Inguanez, mill-Punent u mil-Lbiċ ma' proprjetà tad-Ditta Leisure Estates Limited jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot nru. 1 fuq il-pjanta L.D. 148/82, li wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-8 ta' Marzu, 2022

Nru. 304

RILAXX TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Settembru, 1982, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru, 1982, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 518, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi din il-biċċa art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku u kif ukoll skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-11 ta' Marzu, 2022
(File No. L 414/80 Plot 3)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-limiti tas-Siġġiewi:

Biċċa art tal-kejl ta' 243 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tar-Reverendu Joseph Bonavia anness mal-knisja parrokkjali tan-Naxxar u mill-Punent u mil-Lbiċ ma' proprjetà tad-Ditta Leisure Estates Limited jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala plot nru. 3 fuq il-pjanta L.D. 148/82, li wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-8 ta' Marzu, 2022

Sciberras D'Amico Inguanez, on the West and South West by property of the Company Leisure Estates Limited or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown marked with the colour red and marked as plot no. 1 on plan L.D. 148/82/1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

8th March, 2022

No. 304

RELEASE OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 22nd September, 1982, published in the Government Gazette of the 27th September, 1982, under Government Notice No. 518, the President of Malta had declared that the plot of land was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas this plot of land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose and also according to the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

11th March, 2022

Description of the Land

The following land in the limits of Siġġiewi:

A plot of land measuring 243 square metres, bounded on the North East by property of Reverend Joseph Bonavia annexed to Naxxar parish church and on the West and South West by property of the Company Leisure Estates Limited or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue and marked as plot no. 3 on plan L.D. 148/82/1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

8th March, 2022

Nru. 305

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill bejn it-30 ta' Marzu, 2022 u l-4 ta'April, 2022, iż-żewġ dati inklużi:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Birżebbuġa	Jordy Brincat

Il-11 ta' Marzu, 2022

No. 305

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council between 30th March, 2022 and 4th April, 2022, both days inclusive:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Birżebbuġa	Jordy Brincat

11th March, 2022

Nru. 306

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill mill-5 ta' Frar, 2022:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Ħal Luqa	Karen Maria Camilleri

Il-11 ta' Marzu, 2022

No. 306

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from the 5th February, 2022:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Ħal Luqa	Karen Maria Camilleri

11th March, 2022

Nru. 307

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Skema ta' Restawr tad-Dgħajsa

DIN l-iskema għandha tgħin fil-preservazzjoni kulturali tal-flotta lokali tas-sajd u hija mmirata lejn il-kategoriji professjonali (MFA/MFB). Bastimenti tas-sajd tal-injam irreġistrati liema sena tal-kostruzzjoni hija qabel l-2007 (is-sena bażi ġiet inkluża wkoll). Il-bastimenti reġistrati MFA jew MFB biss, liema tip ta' bastiment huwa jew: Firilla, Frejgatina, Kajjik u Luzzu, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli. Apparti mill-aspetti finanzjarji u settorjali, dawn il-bastimenti għandhom ukoll valur kulturali u storiku u għalhekk għandhom jiġu ppreservati.

1. Definizzjonijiet

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali.

No. 307

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS

Boat Restoration Scheme

THIS scheme shall help in the cultural preservation of the local fishing fleet and is aimed at the professional categories (MFA/MFB). Registered wooden fishing vessels which year of construction dates prior to 2007 (base year also included). Only MFA or MFB registered vessels, which vessel type is either a: Firilla, Frejgatina, Kajjik and Luzzu, shall be considered as being eligible. Apart from financial and sectorial aspects, these vessels have also a cultural and historical value and should therefore be preserved.

1. Definitions

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for Agriculture, Fisheries, Food and Animal Rights.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Sajd u Akkwakultura.

"Sid/ien" tfisser il-persuna nnifisha jew persuna/i legali li taħtha hija rreġistrata bħala propretarju (il-persuna li għandha d-dritt tal-pussess) tal-bastiment tas-sajd.

"Applikant" għandu l-istess tifsira bħal "sid".

2. Min hu eliġibbli għal tali assistenza?

Sid/ien ta' bastiment/i tas-sajd li huma magħmula kompletament mill-injam, huma rreġistrati fil-kategoriji professjonali (MFA/MFB), liema sena ta' kostruzzjoni kienet 2007 jew qabel. Il-bastimenti reġistrati MFA jew MFB biss, liema tip ta' bastiment huwa : Firilla, Frejgatina, Kajjik jew Luzzu, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

Din il-miżura se tiġi implimentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju, 2014, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna 'de minimis' fis-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p.45) kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p.15). Id-DFA għandu jitlob għal dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna 'de minimis' oħra li ġiet riċevuta) matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali kurrenti. L-applikazzjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jintlaħqux id-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

3. Kif il-Persuna Takkwista d-Dritt għal din l-Għajnuna?

Sidien tal-bastimenti eliġibbli għandhom jimlew Formola tal-Applikazzjoni biex jirreġistraw formalment l-interess tagħhom f'din l-iskema. Id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għandhom jiġu pprovduti skont l-istruzzjonijiet mogħtija fil-Formola tal-Applikazzjoni.

L-applikanti interessati huma mħeġġa biex jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni bid-dokumentazzjoni meħtieġa mehmużin u joħduha personalment lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura mhux aktar tard mit-28/03/2022, sakemm mhux innotifikat mod ieħor mid-Dipartiment.

L-applikanti eliġibbli u mhux eliġibbli kollha se jkunu nnotifikati permezz ta' ittra uffiċjali.

Il-pagamenti għandhom jiġu pproċessati f'lott wieħed, wara s-sottomissjoni ta' rċevuti fiskali dettaljati u validi mehmużin ma' ritratt tax-xogħol jew il-materjal li nxtara għar-restawr tad-dgħajsa.

"Director" means the Director responsible for Fisheries and Aquaculture.

"Owner/s" means the natural or legal person/s under whom the ownership of a fishing vessel is registered.

"Applicant" carries the same meaning as "owner".

2. Who is eligible for such assistance?

Owner/s of fishing vessel/s which are made entirely of wood, are registered in the professional categories (MFA/MFB), which year of construction was 2007 or earlier. Only MFA or MFB registered vessels, which vessel type is either a: Firilla, Frejgatina, Kajjik or Luzzu, shall be considered as being eligible.

This measure will be implemented in line with the provisions of the Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June, 2014, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414, 9.12.2020, p. 15).The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year. Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

3. How does a Person Acquire the Right for this Assistance?

Eligible vessel owners should fill in an Application Form to formally register their interest in this scheme. All declarations and documentation should be provided as per instructions provided in the Application Form.

Interested applicants are encouraged to fill in the attached Application Form with the necessary documentation and then return it by hand to the Department of Fisheries and Aquaculture by not later than the 28/03/2022, unless otherwise notified by the DFA.

All eligible and non-eligible applicants shall be notified via an official letter.

Payments shall be processed in a single batch, following the submission of itemised valid fiscal receipts with a photo of the restoration work done on the vessel.

Wara l-ivverifikar tal-irċevuti, l-applikanti eliġibbli se jkunu qegħdin jirċievu l-ammont sottomess fil-kont bankarju personali tagħhom.

4. Kif tiġi kkalkulata l-għajnuna

L-allokazzjoni finanzjarja massima se tkun ikkalkulata fuq it-tul tal-bastiment irreġistrat f'metri skont il-kategoriji ta' tul definiti skont l-iskeda ta' hawn taħt. Fl-ebda ċirkostanza m'għandu l-valur tal-appoġġ massimu rċevut jaqbeż il-valur stipulat. Il-valur totali ta' għajnuna mogħtija se tkun limitata għal dan il-limitu definit minn qabel.

Kategorija 1: 00–05.99M - €1,300 (Sapport Massimu)

Kategorija 2: 06–11.99M - €2,700 (Sapport Massimu)

Wara l-aħħar sottomissjoni tal-irċevuti, applikanti eliġibbli m'għandhomx ikunu intitolati bl-ebda mod għal kwalunkwe bilanċ pendenti mhux mitlub.

Sid/ien tal-bastiment fil-pussess ta' aktar minn bastiment eliġibbli wieħed għandu jkun intitolat li japplika għal kull bastiment, liema sostenn finanzjarju għandu jkun ikkalkulat skont l-istess prinċipji kif stipulat fl-iskeda ta' hawn fuq, skont il-kategorija applikabbli.

L-Għotja tista' tiġi użata/applikata darba biss (għal kull bastiment), mill-applikant (persuna jew persuni reġistrati) li għandhom il-bastiment.

F'każ ta' bżonn, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jirriserva d-dritt li jirrevedi it-total massimu tas-sapport eliġibbli.

5. Fiex tikkonsisti l-assistenza?

Din il-miżura se tiġi implimentata skont ir-regolament tal-Kummissjoni (UE) 717/2014 tas-27 ta' Ġunju, 2014, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2008 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra (ĠU L 414, 9.12.2020, p.15).

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili biss għandha titqies bħala eliġibbli:

Żebgħa dekorattiva, protettiva u antifouling (jew simili);
Folji tal-injam solidi, laminati, plywood u planki tal-injam (jew simili);
Imsiemer tar-ram, boltijiet, rivets u viti (jew simili);

Following the vetting of receipts received, all applicants will receive their submitted amounts to their personal bank account.

4. How support is calculated

The maximum financial allocation shall be calculated on the registered vessel length in meters as per below pre-defined length categories, each having a corresponding financial value. In under no circumstance shall the value of maximum support received exceed the stipulated value. The total value of aid provided shall be capped to this pre-defined limit.

Category 1: 00–05.99M - €1,300 (Max Support)

Category 2: 06–11.99M - €2,700 (Max Support)

Following the last submission of receipts, eligible applicants shall not be entitled in any manner for any pending unclaimed balance.

Vessel owner/s in possession of more than one eligible vessel shall be entitled to apply for multiple vessels, which financial support shall then be calculated following the same principles as stipulated in the above schedule, depending on the applicable category.

The Grant can only be availed of/applied for once (per vessel), by the applicant (registered person/s) owning the vessel/s.

The DFA reserves the right to revise the total Eligible Maximum support value if required.

5. What does such assistance consist of?

This measure will be implemented in line with the provisions of the Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June, 2014, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45) as amended by Commission Regulation (EU) 2020/2008 of 8 December 2020 amending Regulations (EU) No 702/2014, (EU) No 717/2014 and (EU) No 1388/2014, as regards their period of application and other relevant adjustments (OJ L 414, 9.12.2020, p. 15).

Only the following or similar expenditure shall be considered as being eligible:

Decorative, protective and antifouling paint (or similar);
Solid, laminated, plywood wood sheets and planks (or similar);
Copper nails, bolts, rivets and screws (or similar);

Kolla, epoxy, siġillant (sealant) u caulking (jew simili);
Spejjeż diretti tax-xogħol (sa massimu ta' 20% tal-. ammont totali eliġibbli bħala sapport).

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili għandha titqies bħala mhux eliġibbli:

Tagħmir u apparat (jew simili);
Partijiet tal-magna, żjut tal-magna, lubrikanti (jew simili);
Għodda tal-enerġija u għodda tal-idejn (jew simili).

Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura jirriserva d-dritt li jiddetermina l-eliġibbiltà tal-irċevuti/nefqa mitluba sottomessi, skont il-parametri stipulati hawn fuq. L-eliġibbiltà tan-nefqa kollha għandha tkun soġġetta għall-iskrutinju, l-interpretazzjoni u l-aċċettazzjoni tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura. In-nefqa ddefinita bħala eliġibbli jew mhux eliġibbli mid-Dipartiment għandha titqies bħala finali.

Il-verżjoni Ingliża tal-Applikazzjoni kif ukoll tat- Termini u l-Kundizzjonijiet jieħdu preċedent f'każ ta' konflitt jew interpretazzjoni fuq dik tal-lingwa Maltija.

6. Kif għandha titħallas?

Il-pagament dovut se jkun qed jiġi proċessat u jitħallas lill-applikanti fil-kont bankarju tagħhom.

Is-sidien tal-bastiment/i reġistrati li jibbenefikaw minn din l-iskema ma jistgħux jiddekommissjonaw il-bastiment tagħhom għal perjodu ta' 5 snin wara d-data ta' aċċettazzjoni ta' appoġġ, sakemm is-sostenn riċevut ma jitħallasx lura lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura mill-applikant/sidien li jibbenefikaw minn din l-iskema. Jekk waqt il-perjodu ta' 5 snin il-bastiment/i jiġi/u mibjugħ/a jew trasferit/i, l-applikant oriġinali jibqa' legalment responsabbli mill-azzjonijiet imwettqa.

7. Kull meta tingħata Informazzjoni Falza jew Nuqqas ta' Konformità mad-Dispożizzjonijiet tal-Iskema

Kwalunkwe dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet foloz għandhom jiġu definiti bħala reat kriminali. L-applikant għandu jinżamm personalment responsabbli biex jirritorna lura kwalunkwe flus riċevuti, jekk il-pagamenti kienu diġà ġew ipproċessati. Wieħed ikun awtomatikament skwalifikat mill-iskema. Din il-klawsola m'għandhiex limitu ta' żmien applikabbli u għandha tibqa' fis-seħħ b'mod indefinit.

8. Tul ta' żmien tal-Iskema

Din hija skema li kienet varata fl-2019, l-2020, l-2021 u qed tkun miftuħa għal darb'oħra fl-2022. Se tkun implimentata fl-2022 u tiġi konkluża fl-2023.

Glues, epoxy, sealant and caulking (or similar);
Direct labour costs (up to a maximum of 20% of the total eligible support).

The following or similar expenditure shall be considered as being non eligible:

Equipment (or similar);
Engine parts, engine oils, lubricants (or similar);

Power tools and hand tools (or similar).

The Department of Fisheries and Aquaculture reserves the right to determine the eligibility of submitted receipts/ claimed expenditure, as per parameters stipulated above. All expenditure eligibility shall be subject to the scrutiny, interpretation and acceptance of the Department of Fisheries and Aquaculture. Expenditure defined as being eligible or non-eligible by the Department shall be deemed as final.

The English version of both the Application Form and the Terms and Conditions shall prevail in case of conflict or interpretation with the Maltese version.

6. How shall it be paid?

The payment will be processed and paid via the applicants' bank account.

Registered vessel owner/s benefitting from this scheme cannot decommission their vessel for a period of 5 years following the date of acceptance of support, unless support received is entirely refunded back to the Department of Fisheries and Aquaculture by the applicant/owners benefitting from this scheme. If during the 5-year period the boat is sold or transferred, the original applicant/owner shall still remain legally responsible of actions incurred.

7. Whenever False Information is given or Failure to Conform to the Provisions of the Scheme

Any false declaration/s shall be defined as being a criminal offence. The applicant shall be held personally liable to return back any monies received, if payments would have already been processed. One will also be automatically disqualified from the scheme. This clause does not have an applicable time limit and shall remain in force indefinitely.

8. Duration of the Scheme

This is a scheme which was launched in 2019, 2020, 2021 and is being launched once again during 2022. It will be implemented in 2022 and concluded in 2023.

L-irċevuti għandhom jitqiesu biss bħala validi jekk in-nefqa mġarrba/id-data tal-wasla taqa' bejn l-01/03/2022 u s-28/11/2022.

9. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru għandu jagħmel l-emendi meħtieġa għal din l-iskema billi jippubblika l-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-11 ta' Marzu, 2022

Nru. 308

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

Receipts shall only be considered as valid if the expenditure incurred/receipt date falls between the period 01/03/2022 and 28/11/2022.

9. Amendments to the Scheme

The Minister shall make the necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

11th March, 2022

No. 308

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni ghall-liċenza bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Leon Dione Azzopardi	159102L	60 Adnaw Flat 1, Triq San Girgor, Tal-Pietà
Charmaine Zammit	489371M	Theotokos, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa
Alison Farrugia	526878M	Blk 2, Flat 3, Triq l-Arċisqof Mattei, L-Isla
Amanda Attard Cefai	590985M	360, Sparrowhawk, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi
Maria Carabott	374398M	Binja San Martin, Blk 1, Flat 7, Triq l-Isqof Ferdinand Mattei, Iż-Żejtun
Samira Tamrit	479316L	94, Sunflower, Flat 4, Triq it-Tuiristi, San Pawl il-Baħar
Meghraj Giri	294860A	26, Theotokos, Triq Tumas Dalli, Santa Venera
Mark Borg	415274M	Qalb ta' Ġesù, Flat 1, Triq Ghajn Tuta, Il-Fontana, Għawdex
Vincent Borg	34464G	Dott Rose, Triq ir-Rankiż, Il-Munxar, Għawdex
Raymond Shaun Abela	501295M	53, Triq l-Annunzjata, Ħal Tarxien
Taha Hussein Helmy Kuymizakis	198499M	109, San Geatano, Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli
Rita Saliba	308065M	77B, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa
Milos Vuckovic	181825A	Merżuq, Blk B, Flat 16, Triq Ta' Xmiexi, L-Imsida
Stephanie Vella	353785M	Intermezzo Crt, Flat 4, Triq iċ-Ċimiterju, Ħaż-Żabbar
Doreen Brincat	444171M	Ta' Paris, Ringiela E2, 2, Merħba, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara
Neil Delia	139200L	Ta' Ganza, Blk E Flat, 55, Triq il-Kamumilla, Iż-Żejtun

Daniela Delia	144182M	Ta' Ganza, Blk E, Flat 55, Triq il-Kamumilla, Iż-Żejtun
Miguel Farrugia	23801H	Madonna Ta' Pinu, Triq Aniċi, Ir-Rabat, Għawdex
Maruska Camilleri	156596M	36, Triq San Mikiel, Il-Marsa
Kevin Desira	212175M	68, Thank God, Triq Sir Paul Boffa, Iż-Żejtun
Esshaki Intisar	46400A	55, Triq l-Għenieq, In-Naxxar
Alexander Maggi	236066M	31, Migrus, Triq in-Nawfragju, In-Naxxar
Stoycho Stoychev	243200A	99, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar
Martin Deguara	740956M	32, St Raphael, Flat 5, Triq l-Empire Stadium, Il-Gżira
Schenice Zammit	7001L	103, Elvis, Triq Ta' Ġawhra, Ħal Safi
Paul Dalli	381762M	74, Triq Dun Karm, Birkirkara
Josephine Busuttil	221071M	19, Interlude, Triq F. M. Ferretti, Birżebbuġa
Rita Bouvet	341860M	9, Triq Angelo Melilli, Ħaż-Żebbuġ
Goran Micanovic	146263A	Savoy Gardens, Blk C, Flat 18, Triq Luqa Briffa, Il-Gżira

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-11 ta' Marzu, 2022

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

11th March, 2022

Nru. 309

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.3.2022	€58.728	€0.764

Il-11 ta' Marzu, 2022

No. 309

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

11th March, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 18

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Qrendi

Nhar il-Ħadd, 10 ta' April, 2022, mill-5.30 a.m. sal-11.00 a.m., minn Misraħ Tal-Maqluba, Triq it-Tempesta, Triq Massabielle, Triq il-Pirinej, Triq Soubirous, Trejqet Vjatku, Triq Tal-Ħniena, Triq il-Wied u Triq Ħaġar Qim.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħadd, 10 ta' April, 2022, mit-3.00 p.m. sal-10.30 p.m., ħadd ma jista jgħaddi jew jipparkja u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat minn Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi kollha, Triq Balbi u naħa waħda ta' Triq Isouard.

Nhar il-Ħadd, 10 ta' April, 2022, mit-3.00 p.m. sal-10.30 p.m., toroq magħluqa u trasport pubbliku mhux se jkunu affettwati minn Triq Magri mill-Ħamrun għal Triq Stiefnu Zerafa, Triq il-Farfett minn Pjazza Magri għal Triq Stiefnu Zerafa, Triq il-Marsa, Triq San Franġisk, Triq San Mikiel, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Bajjada kantuniera ma' Triq Isouard, u Triq Azzopardi kantuniera ma' Triq San Frangisk u Triq Nerik Sacco.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Marzu, 2022

POLICE NOTICE

No. 18

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Qrendi

On Sunday, 10th April, 2022, from 5.30 a.m. till 11.00 a.m., through Misraħ Tal-Maqluba, Triq it-Tempesta, Triq Massabielle, Triq il-Pirinej, Triq Soubirous, Trejqet Vjatku, Triq Tal-Ħniena, Triq il-Wied and Triq Ħaġar Qim.

Ħamrun

On Sunday, 10th April, 2022, from 3.00 p.m. till 10.30 p.m., clearance only and public transport will not be effected through Triq Nerik Sacco, all Triq Azzopardi, Triq Balbi and one side of Triq Isouard.

On Sunday, 10th April, 2022, from 3.00 p.m. till 10.30 p.m., closure of roads and public transport will not be effected through Triq Magri from Ħamrun to Triq Stiefnu Zerafa, Triq il-Farfett from Pjazza Magri to Triq Stiefnu Zerafa, Triq il-Marsa, Triq San Franġisk, Triq San Mikiel, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Bajjada corner with Triq Isouard, and Triq Azzopardi corner with Triq San Frangisk and Triq Nerik Sacco.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

11th March, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 19

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu, 2022, mis-1.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq l-Ordinanza bejn Triq l-Ifran u Triq Zekka, Triq l-Ifran bejn Triq l-Ordinanza u Triq in-Nofsinhar, Triq Zekka bejn Triq l-Ordinanza u Triq in-Nofsinhar u l-parkeġġ fil-ġenb tal-Kavallier ta' San Ġwann fi Triq Zekka. Triq l-Ifran bejn Triq Santa Luċija u Triq l-Arċisqof, Triq it-Teatru l-Antik bejn Pjazza San Ġorġ u Triq Zekka u Triq id-Dejqa bejn Triq Santa Luċija u Triq l-Arcisqof, Triq Sant'Ursula bejn Pjazza Kastilja u Triq Melita, Triq Melita bejn Triq San Pawl u Triq il-Batterija, Triq il-Batterija bejn Triq Sant'Ursula u Triq Sant'Antnin, Pjazza Kastilja (id-daħla ta' quddiem il-Barakka ta' Fuq), Triq il-Merkanti bejn Pjazza Sant'Iermu u Triq l-Isptar l-Antik, Triq it-Tramuntana bejn Triq ir-Repubblika u Pjazza Evans u Pjazza Sant'Iermu bejn Triq ir-Republika u Pjazza Evans.

Nhar it-Tnejn, 11 ta' April, 2022, minn nofsinhar 'il quddiem, minn Triq Sant'Ursula minn Triq San Ġwann sa Triq San Kristofru, Triq San Kristofru minn Triq Sant'Ursula sa Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti minn Triq San Kristofru sa Triq Melita, Triq Melita minn Triq il-Merkanti sa Triq San Pawl, Triq San Pawl minn Triq Melita sa Triq it-Teatru l-Antik u Triq San Ġwann minn Triq San Pawl sa Triq Sant'Ursula.

Nhar it-Tnejn, 11 ta' April, 2022, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq San Pawl minn Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku u Triq Sant'Ursula kantuniera ma' Triq San Kristofru.

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, 2022, minn nofsinhar 'il quddiem, minn Triq Sant'Ursula minn Triq San Ġwann sa Triq San Kristofru, Triq San Kristofru minn Triq Sant'Ursula sa Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti minn Triq San Kristofru sa Triq Melita, Triq Melita minn Triq il-Merkanti sa Triq San Pawl, Triq San Pawl minn Triq Melita sa Triq it-Teatru l-Antik u Triq San Ġwann minn Triq San Pawl sa Triq Sant'Ursula.

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, 2022, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq San Pawl minn Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku u Triq Sant'Ursula kantuniera ma' Triq San Kristofru.

POLICE NOTICE

No. 19

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Saturday, 26th March, 2022, from 1.00 a.m. till midnight, through Triq l-Ordinanza between Triq l-Ifran and Triq Zekka, Triq l-Ifran between Triq l-Ordinanza and Triq in-Nofsinhar, Triq Zekka between Triq l-Ordinanza and Triq in-Nofsinhar and the parking area next to St John Cavalier in Triq Zekka. Triq l-Ifran between Triq Santa Luċija and Triq l-Arċisqof, Triq it-Teatru l-Antik between Pjazza San Ġorġ and Triq Zekka and Triq id-Dejqa between Triq Santa Luċija and Triq l-Arcisqof, Triq Sant'Ursula between Pjazza Kastilja and Triq Melita, Triq Melita between Triq San Pawl and Triq il-Batterija, Triq il-Batterija between Triq Sant'Ursula and Triq Sant'Antnin, Pjazza Kastilja (in front of the Upper Barrakka Garden), Triq il-Merkanti between Pjazza Sant'Iermu and Triq l-Isptar l-Antik, Triq it-Tramuntana between Triq ir-Repubblika and Pjazza Evans and Pjazza Sant'Iermu between Triq ir-Republika and Pjazza Evans.

On Monday, 11th April, 2022, from noon onwards, through Triq Sant'Ursula from Triq San Ġwann till Triq San Kristofru, Triq San Kristofru from Triq Sant'Ursula till Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti from Triq San Kristofru till Triq Melita, Triq Melita from Triq il-Merkanti till Triq San Pawl, Triq San Pawl from Triq Melita till Triq it-Teatru l-Antik and Triq San Ġwann from Triq San Pawl till Triq Sant'Ursula.

On Monday, 11th April, 2022, from 4.00 p.m. onwards, through Triq San Pawl from Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti corner with Triq San Duminku and Triq Sant'Ursula corner with Triq San Kristofru.

On Friday, 15th April, 2022, from noon onwards, through Triq Sant'Ursula from Triq San Ġwann till Triq San Kristofru, Triq San Kristofru from Triq Sant'Ursula till Triq il-Merkanti, Triq il-Merkanti from Triq San Kristofru till Triq Melita, Triq Melita from Triq il-Merkanti till Triq San Pawl, Triq San Pawl from Triq Melita till Triq it-Teatru l-Antik and Triq San Ġwann from Triq San Pawl till Triq Sant'Ursula.

On Friday, 15th April, 2022, from 4.00 p.m. onwards, through Triq San Pawl from Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti corner with Triq San Duminku and Triq Sant'Ursula corner with Triq San Kristofru.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Il-Furjana

Nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu, 2022, mis-1.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza E. S. Tonna bejn Triq San Publiju u Triq Sarria, Triq Sarria bejn Triq Vincenzo Bugeja u Pjazza San Publiju u Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq San Publiju.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Marzu, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 20

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġwann

Minn nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu, 2022, fil-11.00 p.m. sa nhar il-Ħadd, 27 ta' Marzu, 2022, f'nofsillejl minn Triq l-Iskola, Triq it-Tulipani, Triq il-Ġilju, Triq il-Pepprin, Vjal ir-Rihan u Triq il-Ġibjun.

San Ġiljan

Minn nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu, 2022, fil-11.00 p.m. sa nhar il-Ħadd, 27 ta' Marzu, 2022, f'nofsillejl, minn Triq Lapsi u Triq Sant'Anġlu.

Pembroke

Minn nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu, 2022, fil-11.00 p.m. sa nhar il-Ħadd, 27 ta' Marzu, 2022, f'nofsillejl, minn Triq Madre Marguerita De Brincat, Triq Cammilo Sciberras u Triq il-Kurunell Lorenzo Manchè.

Għajnsielem

Mill-Ġimgħa, l-1 ta' April, 2022, fil-5.00 p.m. sas-Sibt, 2 ta' April, 2022, fit-8.00 p.m., minn Triq ix-Xatt u Triq l-Imġarr.

Street closure will be as required

Floriana

On Saturday, 26th March, 2022, from 1.00 a.m. till midnight, through Pjazza E. S. Tonna between Triq San Publiju and Triq Sarria, Triq Sarria between Triq Vincenzo Bugeja and Pjazza San Publiju and Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq San Publiju.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

11th March, 2022

POLICE NOTICE

No. 20

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

San Ġwann

From Friday, 25th March, 2022, at 11.00 p.m. till Sunday, 27th March, 2022, at midnight, through Triq l-Iskola, Triq it-Tulipani, Triq il-Ġilju, Triq il-Pepprin, Vjal ir-Rihan and Triq il-Ġibjun.

St Julian's

From Friday, 25th March, 2022, at 11.00 p.m. till Sunday, 27th March, 2022, at midnight, through Triq Lapsi and Triq Sant'Anġlu.

Pembroke

